DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Dipartiment tal-Kurrikulu u *eLearning*
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2011**

StudentBounty.com

Ro

**IT-TIELET SENA** **MALTI** **ĦIN: SAGĦTEJN**

**Isem:** ______________________ **Klassi:** ____________

**ISTRUZZJONIJIET LILL-ISTUDENTI:**

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.

2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

**GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA**

**SKEMA TA' MARKI**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F | Ġ | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 10 | 20 | 4 | 8 | 8 | 30 | 20 | 100 |
| Marki tal-istudent/a | | | | | | | | |

**KUMMENTI**

______________________

______________________

______________________

______________________

______________________

______________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ**

***Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.***



## *It-Tgergir*

Illum il-ġurnata fil-gżejjer Maltin, kull parroċċa, jekk mhux kull banda, tista' tiftaħar li għandha l-kor tagħha. Biss biss, f'Għawdex ċkejken tagħna għandna xi erbgħa u għoxrin kor. Fost il-korijiet kollha, l-ikbar u l-eqdem wieħed huwa l-kor nazzjonali mlaqqam "Maltese Gemgem" – laqam li, kif jgħidu, kien tahulna wieħed mill-Gvernaturi Ingliżi meta drana u tgħallem minn xiex inbatu. *(par.1)*

Billi dan il-kor nazzjonali jgħaddi bla kunċerti, huwa wkoll l-aktar wieħed stunat. Dal-kor ta' tgergir tista' tgħid nisimgħuh kuljum iżarżar f'widnejna. Għalhekk, kelli raġun inġib għajnejja wara widnejja meta kienet ħarġet l-aħbar li l-poplu Malti huwa l-iktar poplu ferħan li hawn fuq wiċċ id-dinja. Min l-għaxqa tiegħu jgerger fuq kull fettuqa ma nafx kemm jista' jqis ruħu li huwa kuntent. *(par.2)*

Ħa ngħiduha kif inhi, mhux il-poplu Malti biss igerger. Min jagħmilha mal-barranin malajr jintebaħ li f'dil-materja m'aħniex weħidna. Fost is-seba' nani tal-ħrafa, wieħed biss minn qaddisu kien gemgumi. Imma fil-ħajja, xi ftit jew wisq, igerger kulħadd. *(par.3)*

Erħilu lil dak ix-xwejjaħ il-ġurnata kollha jgemgem u jilmenta, donnu ma jogħġbu xejn. Bħalu tgorr il-qanżħa l-oħra, il-mara tad-dar, għax, kif tgħid hi, dejjem sejra bla nifs, tnaddaf u tkeċner, u ħadd ma jbill sebgħu għall-ilma mbierek. Tgerger ix-xebba b'żewġ gwardarobbi mimlijin sa ruħ ommhom bl-ilbies u tgħidlek li x'tilbes m'għandhiex. Igerger il-ġuvnott għax il-buttuna tal-qmis ma waħħluhilux u l-qalziet m'għaddewhulux. Igerger il-ħaddiem għax waqqfulu s-sahra u jgerger min iħaddmu għax il-kompetizzjoni qed tikber u l-qligħ dejjem nieżel. Igerger il-fqir għax nieqes mill-flus u jgerger is-sinjur għax mhux ħlief joħroġ mill-ħażna li għandu. Għandek tgħid tant drajna ngergru li jekk tistaqsi lil xi ħadd kif inhu sejjer u dax-xi ħadd jinzerta miexi ħarir, it-tweġiba donnha tkun fil-komma u jgħidlek bla tlaqliq: "m'għandix imniex ingerger". Kemm hu rassenjat hux! *(par.4)*

*(Addattata minn **Żmien il-Ħsad** ta'* George N. Cassar*)*

| **A. FEHIM IT-TEST** | (10 marki) |
|---|---|

1. Xi nsibu, tista' tgħid, f'kull parroċċa tal-gżejjer Maltin?

_______________________________________________ (marka)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

2. Għaliex, skont l-awtur, aħna l-Maltin ġejna mlaqqmin *Maltese Gemgem*?

_______________________________________________________________ (2 m

3. Għaliex taħseb li l-awtur stagħġeb meta sema' l-aħbar li aħna l-Maltin konna l-aktar popl feħan tad-dinja?

_______________________________________________________________ ( 2 marki)

4. Liema ħrafa popolari tissemma fis-silta?

_______________________________________________________________ (marka)

5. Xi jrid jgħidilna l-awtur meta jsemmi lit-tfajla li għandha żewġ gwardarobbi mimlija sa ruħ ommhom bil-ħwejjeġ u tgħid li m'għandhiex x'tilbes?

_______________________________________________________________ (marka)

6. L-impressjoni li tieħu tal-ġuvnott li jissemma fir-raba' paragrafu hi li dan huwa:
(a) ferħan; (b) imdejjaq; (ċ) imfissed; (d) għażżien; (e) inkwetat.
(*Agħmel sing taħt il-kelma li l-aktar toqgħod għall-karattru tal-ġuvnott*) (marka)

7. Semmi okkażjoni meta int gergirt dwar xi ħaġa li m'għoġbitekx.

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________ (2 marki)

| B. GĦARFIEN IL-LINGWA | (20 marka) |
|---|---|

**GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA**

1. Ikteb il-verb fil-forma skont in-numru ta' wara l-kelma.
(a) serqa (7)_____________; (b) safar (3) _____________; (ċ) salib (5) ______________.

(3 marki)

2. Imla l-vojt bil-**partiċelli** t-tajba mil-lista mogħtija taħt. (*L-ewwel waħda lesta għalik.*)

Pietru għadda ***sal-***uffiċċju sa ma jsir il-ħin biex imur għal ħuh iż-żgħir, Pawlu. Lis-surmast kien qallu biex ____ Pawlu ma jħallihx jitlaq ____ iskola qabel jasal hu. Pietru kellu moħħu mistrieħ li ____ iskola ____ arti, Pawlu ma jiltaqa' ____ ebda inkwiet.

| ***fl-, ma', mill-, sal-, lil, tal-,*** |
|---|

(5 marki)

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

3. Sib u ikteb il-**participju attiv** li hawn f'dawn is-sentenzi.

a) Hu u nieżel it-taraġ, sema' t-telefon iċempel. ______________________

b) Damet rieqda siegħa sħiħa u ma semgħet xejn. ______________________ (2 marki)

4. Imla l-vojt bil-**partiċipju passiv** skont il-kelma fil-parentesi. (*Ara l-eżempju.*)

Kien ***ikkalkulat*** (ikkalkula) li l-proġett tal-pont il-ġdid se jiġi jiswa mitt elf ewro, imma hu ______________ (ħaseb) li se jkun jiswa wisq aktar minn hekk. Din l-aħbar dehret ________________ (stampa) fil-ġurnali tal-lum. (2 marki)

5. Imla l-vojt bi kliem flok numri.

Vince għandu għoxrin sena. Tliet snin ilu kellu (17) ____________________ sena. (marka)

**LESSIKU / VOKABULARJU**

6. Il-kelma ***fettuqa*** (*par. 2*) tfisser ________________________________________ (marka)

7. Mir-raba' paragrafu sib il-kelma li tfisser: ***issajjar u taħdem fil-kċina.***

Il-kelma hi: __________________________ (marka)

**ANALIŻI TESTWALI**

8. L-**h** fil-kelma ***tahulna*** *(par.1)* qiegħda tirreferi:

(a) għall-gvernatur___ ; (b) għal-laqam ___; (ċ) għall-poplu Malti ___. (marka)

9. Il-kelma ***nazzjonali*** *(par.2)* hi ta' nisel: a) Semitiku __, b) Rumanz __ jew ċ) Ingliż__? (marka)

10. Sib mill-ewwel paragrafu frazi li tfisser: ***id-difett tagħna***.

Il-frazi hi: _____________________________________________ (marka)

**SINTASSI**

11. Aqra din is-sentenza mit-tieni paragrafu u wara wieġeb il-mistoqsijiet.

***Billi dan il-kor nazzjonali jgħaddi bla kunċerti, huwa wkoll l-aktar wieħed stunat.***

a. Ikteb il-parti tas-sentenza li ma tistax tgħaddi mingħajr il-bqija tas-sentenza.

________________________________________________________________________ (marka)

b. Issa ikteb din is-sentenza f'żewġ sentenzi qosra mingħajr ma tibdel xejn mit-tifsir.

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________ (marka)

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

## Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI (2 marki)

1. Sib mill-kaxxa t-tifsira t-tajba għall-qwiel b'sing taħthom u iktibha fil-vojt. (2 marki)

   a. Kemm idum jidħol fi djar in-nies biex jisraq? Issa spiċċa l-ħabs għax dak li tiżra' taħsad.

   ______________________________________________

   b. Tlajt erba' sulari taraġ, imma xħin ġejt biex nidħol id-dar, sibt li kont insejt iċ-ċavetta. Tassew li min jarra moħħu jbati ġismu.

   ______________________________________________

| |
|---|
| Min jgħaġġel jagħmel xogħol ħażin.; Ikollok riżultat skont dak li tagħmel.; Min jiżbalja jkollu jbati l-konsegwenzi.; F'Ġunju jaħsdu l-qamħ.; Il-batut xortih ħażina. |

2. Fisser l-idjomi b'sing taħthom: (2 marki)

   Għalkemm Ċensu tal-ħanut hu ġurdien xiħ fin-negozju, ħadd ma jista' jgħid li m'għandux qalbu ħanina mal-batut u ma' min jinsab fil-bżonn.

   (a) ______________________________

   (b) ______________________________

## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV (8 marki)

Ikteb madwar **50 kelma,** fil-forma ta' riklam, dwar prodott tal-ħasil ġdid, li jismu: **Nadif Xummiema**.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## E. TIFTIX - TRAWWIM KULTURALI

Fost it-temi marbuta mal-proġett **Idea ta' Lingwa** nsibu: *Lingwi differenti fil-Mediterran; L-Element Semitiku, Rumanz u Ingliż fil-Malti; L-Importanza tal-Ingliż illum; Lingwa li qiegħda tinbidel;* u *Il-Bilingwiżmu.* Agħżel **wieħed** minn dawn u ikteb madwar **50 kelma** dwaru.



## F. LETTERATURA (30 marka)

**(i) Nadriet 3**

1. Fil-poeżija **Poeta,** xi jrid iqiegħed Dun Karm ma' ras il-poeta żagħżugħ Rużar Briffa?

_______________________________________ (2 marki)

2. F'liema post jiftakar Karmenu Vassallo fil-poeżija **Tifkiriet ta' Tfuliti**?

_______________________________________ (2 marki)

3. **Pitirross** ta' Victor Fenech hi poeżija:

a. romantika ___ ; b. simbolika ___; ċ. patrijottika ___ (2 marki)

4. Għaliex ma tixtrix gazzetti x-xwejħa li tissemma fil-poeżija **Il-Bejjiegħ tal-Gazzetti**?

_______________________________________ (2 marki)

5. Il-poeżija **Waħdi** ta' Dun Karm tnissel fina sens ta':

(a) ferħ kbir __; (b) rabja __; (ċ) nostalġija għall-passat __ . (2 marki)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**(ii) Aktar Nadriet Poetiċi**

F'madwar **20 kelma,** ikteb il-ħsieb ta' **waħda** minn dawn il-poeżiji li nsibu f'**Aktar Nadriet**.

*Fis-Skiet*; *Raqdet il-Belt*; *Fuq il-Palm tal-Ħbiberija; Fjura tas-Sur; Ħabbata.*

**(iii) Stejjer għal Qabel Jidlam** (6 marki)

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.**

a. Fl-istorja ***Ix-Xemx fuq it-Tieqa***, xi ġralu Oskar meta ħares lejn ix-xemx?

b. F'***It-Tifel tal-Baħar***, Bertu, għaliex kien imur jgħin lill-barklori anke fil-maltemp?

ċ. Fl-istorja ***L-Ewwel Telefonata,*** lil min ċemplet l-ewwel darba Filomena, u għaliex?

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**(iv) Jinqabad bid-Drogi**

Wieġeb (**a**) jew (**b**) u ikteb madwar 20 kelma.

a) F'***Ngħix bl-Imħabba tal-Biċċiet***, semmi xi ħwejjeġ negattivi li ġraw lil Helen f'ħajjitha u tkellem dwarhom.

**JEW**

b) Fin-novella ***Ċinzja***, għid fi kliemek x'ġara minn din it-tfajla wara li telqet mid-dar.

**(v) Stejjer taċ-Ċarrut** (6 marki)

Agħżel **waħda** minn dawn l-istejjer u għid x'ġara f'madwar **40 kelma**: ***Għeluq Snin Luca***; ***Willie***; ***Il-Kollox b'Xejn Supplies u Karmena***. (Ikteb fuq karta separata.)

## Ġ. KOMPONIMENT (20 marka)

Agħżel **wieħed** u ikteb madwar **250 kelma** fuq karta separata.

1. Is-safar
2. Qattusa għaġġelija, frieħ għomja tagħmel!
3. In-nar tal-festa, tajjeb jew ħażin?
4. Il-passatemp favorit tiegħi
5. "Dak kien żmien!" qalli n-nannu. Ikteb storja li tibda b'dawn il-kelmiet.
6. Djalogu bejn żewġ studenti fuq il-karozza tal-linja

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers